# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

**Minuti**

**Tmien Legislatura**

## *Laqgħa numru 53*

***6.15p.m 10 t'April 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Noel Scerri -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *53.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

53.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsillier is-Sur Noel Scerri kien indispost minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Membri preżenti aċċettaw din ir-raġuni.

## *53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

53.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 52 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

53.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill li s-Sibt li għadda huwa kien mistieden mill-PARKS sabiex flimkien tal-Ministru l-Onor. Jose' Herrera u l-Kumitat tal-PARKS ikun hemm press conference dwar il-pjan tal-Gvern li jiġi rrestawrat Ġnien Belvedere. Il-Kunsill ma kienx mistieden u ma ntbgħatu l-ebda emails f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal ukoll li l-Gvern huwa kommess li dan il-Ġnien isir, madanakollu s'issa għad ma nafux kemm ser ikunu l-maintenance costs ta' dan il-post fil-futur. Dan is-suġġett ser ikun qiegħed jiġi diskuss iktar il-quddiem f'leġislatura oħra.

## *53.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

53.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fil-jiem tal-ġbir tal-bulky refuse qed ikun hemm ħafna skart li qed ikerraħ il-lokal. Huwa qal li tkun xi ħaġa tajba jekk tibda tintbgħat ittra bil-Malti u l-Ingliż sabiex ir-residenti ma jħorġux dan it-tip ta' skart goff barra. Is-Sindku qal li kulħadd jiġi nfurmat biex l-iskart ma jinħariġ barra qabel il-ħin, madankollu ikun hemm ċirkostanzi differnti fosthom għal dawk il-persuni li jaħdmu u għalhekk ma jkollhomx option oħra ħlief li jħallu l-iskart goff barra qabel ma jmorru x-xogħol.

Is-Sindku hawnhekk talab sospensjoni tal-laqgħa sabiex jitlob lir-rapprezentanta tal-kumpanija Reanda Malta biex tagħti update tal-figuri finanzjarji awditjati tal-Kunsill Lokali tal-Marsa għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018. Hawnhekk rajna li wara li sar l-awditjar tal-figuri finanzjarji kien hemm bżonn li jsir diversi aġġustamenti fil-figuri finanzjarji minħabba li kien hemm bdil fil-postings kif ġie miftieħem mall-awdituri. Kien hemm ukoll żball fuq il-mod ta' kif

ġie mniżżel ir-write off u d-depreciation. Madanakollu, it-tibdil kien wieħed minimu u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda ċaqlieq fil-figuri finali tar-rapport. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *53.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

53.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 04/2019 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

Fis-6.20pm daħal għas-seduta l-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit.

## *53.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

53.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Muzikali Trinita' Qaddisa ser torganizza kunċert ta' muzika sagra nhar it-Tnejn 15 t'April u qed tistaqsi l-Kunsill jekk huwiex interessat jagħmel reklamar ta' €250 fejn il-logo tal-Kunsill jintuża fuq kull materjal ippubblikat. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

53.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-Kumitat Festi Esterni għaddejja bil-preparamenti tal-festa u qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistgħax jgħin l-għaqda sabiex waqt il-logħob tan-nar ikollhom Fire Engine standby kemm is-Sibt u kif ukoll il-Ħadd. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti kien hemm qbil li jsir dan. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

53.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja tal-Kwerela li ntbgħatet lill-Adrian Zammit.

53.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Parroċċa Trinita' Qaddisa fl-okkazzjoni tal-Festa tat-Trinita' ser tippubblika fuljett speċjali u qed jistaqsu l-Kunsill jekk hux interessat li jagħmel reklam ta' paġna bil-kulur li tiswa €200. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklamar fuq il-ktieb tal-Festa paġna sħiħa bil-kulur għal prezz ta' €300. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri preżenti li l-Kunsill talab lill-Ispettur tal-Għassa tal-Marsa sabiex issir investigazzjoni uffiċjali dwar il-qlajjiet tas-Sur Adrian Zammit. L-ispettur permezz ta' email wieġeb li nvestigazzjoni ma tistgħax issir hekk kif is-Sur Zammit ma ġab l-ebda prova fuq l-allegazzjonijiet li huwa kien qed jagħmel. Wara diskussjoni ġie miftieħem li din il-korrispondenza għandha tintbgħat l-avukat tal-Kunsill għall-interpretazjoni legali. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.7 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Bank of Valletta qegħda titlob li jkun hemm amministratur tal-Internet Banking minħabba regoli finanzjarji ġodda. Il-persuna magħżula għandhu jkun is-Segretarju Eżekkuttiv. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot kien kien unanimu.

52.6.8 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Sur Daniel Borg nforma lill-Kunsill li l-bust qiegħed fi stadju avvanzat u huwa disponibbli biex il-Kunsill jaraħ. L-applikazzjoni mill-Planning Authority ġiet approvata wkoll. Is-Sur Borg qed jitlob sabiex jekk ikun possibli tiġi diskussa d-data ta' meta jista' jiġi inawgurat dan il-bust. Il-Membri preżenti qablu li jsaqsu lis-Sur Borg meta' ser ikun lest dan il-bust. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.9 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li rigward il-laqgħa li kien ippropona li ssir rigward it-tismija ta' Triq it-Tiġrija s-Sur Deguara nforma lill-Kunsill li din trid ssir wara l-Elezzjonijiet ta' Mejju minħabba xogħol addizzjonali li jkolla l-Electoral Office b'dawn iż-żminijiet.

## *53.7 Deċiżjoni dwar Tender Ġbir ta' Skart*

53.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li kien hemm total ta' żewġ kuntratturi li applikaw għat-tender dwar il-ġbir tal-iskart. Dawn kienu Alistair Bezzina għall-prezz totali ta' €56,160 (bla VAT) u Antoine Bartolo għall-prezz ta' €78,000 (bla VAT). Wara li saret evalwazzjoni kien jidher ċar li l-kumpaniji kollha kienu jilħqu l-kriterji tekniċi tat-tender u għaldaqstant is-Sindku qal li kif inhi l-proċedura stabbilita' bil-liġi, l-kuntrattur li joffri l-orħos prezz u jilħaq il-kriterji mitluba jirbaħ it-tender. B'hekk it-tender ser ikun qiegħed jingħata lill-Alistair Bezzina. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Fis-6.45pm telaq mis-seduta l-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit.

## *53.8 Deċiżjoni dwar Tender Cleaning and Maintenance of Soft Areas*

53.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li kien hemm kuntrattur wieħed biss li offra s-servizz tiegħu għat-tender dwar it-tindif u l-manutenzjoni tas-soft areas. Il-kumpanija ta' Alistair Bezzina qiegħed jitlob l-ammont ta' €50,000 fuq medda ta' ħames snin. Il-bord tal-evalwazzjoni ser ikun qed jitlob kjarifika lill-kuntrattur sabiex jispeċifika li l-ammont mitlub huwa ta' €12,500 fis-sena. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jagħżel dan il-kuntrattur wara li jkun hemm din il-verifika teknika. Sadanittant il-kuntratt preżenti jibqa jiġi operat mill-ELC sall-aħħar ta' Mejju. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *53.9 Inawgurazjoni tal-Proġett ta' Triq Ħal Qormi ma Triq Isouard*

53.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Membri preżenti sabiex tinstab ġurnata tajba għall-kulħadd fejn jista' jsir l-inawgurazzjoni tal-proġett ta' Triq Qormi ma Triq Isouard flimkien mall-monument tal-Isqof Baldacchino. Wara diskussjoni li saret bejn il-Membri preżenti ġie miftiehem li ġurnata magħżula ser jkun il-Ħadd 12 ta' Mejju fl-10.00a.m. Għal din l-attivita' ser jintbgħat invit lir-residenti kif ukoll lill-għaqdiet. Is-Sindku nforma lill-dawk preżenti li bħalissa l-Kunsill qed jiġbor stimi għat-tisbiħ taż-żona bit-tħawwil ta' fjuri u siġar ġodda. S'issa qed jiġi stmat li l-prezz ser ikun jlaħħaq madwar €7,620 li din hija kwotazzjoni li tana Piscopo Gardens. Jekk kemm il-darba l-Kunsill isib xi ħaġa orħos imexxu fuq dik l-istima. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *53.10 Deċiżjoni tal-Qorti fuq l-Appell*

53.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega lill-membri preżenti li fil-jiem li għaddew il-Qorti tgħat il-verdett finali tagħha fuq l-appell li l-Kunsill ressaq xhur ilu dwar l-għażla tal-kuntrattur dwar it-tender għat-tindif tal-korsa. Il-Qorti ddeċidiet li t-talba tal-Kunsill tkun nulla u għalhekk il-Kunsill irid jirrimedja billi jsegwi l-verdett li kien irċieva mill-Bord tal-Kuntratti. Għaldaqstant, is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekkutiv sabiex issir l-evalwazzjoni mill-ġdid kif ġie mitlub mir-review Bord tal-Kuntratti. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *53.11 Użu tal-Mini Pitch*

53.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta fuq il-mejda tal-kamra d-dokumenti li juru kif fis-sena 2006 kien hemm ftehim bil-miktub u fil-preżenza tal-avukat li l-art tal-mini pitch kien ser jgħaddi min idejn in-Nursery għal għand il-Kunsill hekk kif in-Nursery qatt ma kellhom il-flus biex dan il-pitch jirranġawh. Permezz ta' dan il-ftehim il-Kunsill nefaq ħafna flus matul iż-żmien f'manutenzjoni. Filfatt, fl-aħħar xhur il-Kunsill nefaq xejn inqas min €60,000 sabiex il-pitch ikollu wiċċ ikbar u ġdid, u jkun jistgħa jintuża min kulħadd mingħajr ma jsir profitt.

53.11.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn li l-Kunsill joħroġ stqarrija dwar dan għaliex mhijiex sitwazzjoni aċċettabli li n-nies hemm barra jaħsbu li l-Kunsill tal-Marsa seraq xi ħaġa min Nursery u l-Marsa FC meta l-verita' hija kompletament l-oppost. Tant li l-Kunsill dejjem kien min ta' quddiem nett biex jagħti dak li setgħa. Il-Kunsillier qed jitlob lis-Sindku sabiex jiġu ppublikati dawn id-dokumenti.

53.11.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzpardi qal li għalmenu l-Kunsill għandhu jagħmel stqarrija biex il-verita' toħrog dwar dan il-każ anke jekk hemm bżonn stqarrija fuq facebook. Dan jgħodd anke għal diversi toroq li ma sarux minħabba li dawn mhumiex tal-Kunsill iżda privati.

## *53.12 Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku*

53.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li t-talba li kien għamel il-Kunsill għall-iskema ta' Finanzjament favur il-Komunita' permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports ġiet milqugħa u ser jiġu allokati s-somma ta' €1,657.50. Għaldaqstant, il-Kunsill ser ikun qed joħroġ avviżi li għad iridu jiġu stampati u jitqassmu lir-residenti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *53.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

53.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għat-8 ta' Mejju fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 8 ta' Mejju, 2019